# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 47**

**Ċitazzjoni Numru 893/2007/1 AF**

**Colette Schembri**

***v.***

**Tabib Ewlieni tal-Gvern fil-kapaċità tiegħu bħala Supretendent tas-Saħħa Pubblika u bħala l-Awtorità dwar il-Liċenzjar; Awtorità dwar il-Mediċini; Ministru tas-Saħħa; l-Avukat Ġenerali, illum Avukat tal-Istat; u l-Awtorità tad-Djar li ssejħet fil-kawża b'digriet tal-31 ta' Ottubru 2007**

1. Dan huwa appell tal-konvenut Tabib Ewlieni tal-Gvern minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-9 ta' Marzu 2017 li sabet illi d-deċiżjoni li ħa l-appellant illi ma jipproċessax talba tal-attriċi għall-ħruġ ta' liċenza sabiex tiftaħ spiżerija saret għal għanijiet mhux xierqa u ġiet msejsa fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti u hija għaldaqstant *ultra vires* kif igħid l-art. 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

2. Il-fatti li wasslu għall-kawża tal-lum ġew imfissra hekk mill-ewwel qorti:

»Mill-provi prodotti jirriżulta li l-attriċi hija s-sid tal-ħanut … … … l-Imtarfa, … … …L-attriċi akkwistat dan il-ħanut mingħand l-Awtorità tad-Djar. Skont l-istess kuntratt, hija obbligata li tuża dan il-ħanut bħala spiżerija.

»Qabel akkwistat dan il-ħanut l-attriċi kienet diġà applikat mad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika fit-2 ta' Settembru 1998 sabiex tingħata liċenza biex topera spiżerija mill-imsemmi fond. Permezz ta' ittra datata 4 ta' Lulju 2003, l-attriċi, *tramite* l-konsulent legali tagħha, ġiet infurmata mill-Ministeru tas-Saħħa li l-applikazzjoni tagħha ma setgħetx tiġi pproċessata peress li kienet ġiet imposta *administrative freeze* fuq ħruġ ta' liċenzi ġodda għal spiżeriji.

»Irriżulta mill-provi li permezz tal-Avviż Legali 117 tal-1996, ir-Regolamenti dwar ħruġ ta' liċenzi għal spiżeriji ġew emendati b'dan illi tħassar ir-regolament numru 5 li kien jimponi kwota ta' spiżeriji għal kull raħal, biex b'hekk il-liġi wasslet għal-liberazzjoni kompleta tas-settur. Minħabba r-reazzjoni negattiva ta' diversi operaturi fis-settur, inkluż il-Kamra tal-Ispiżjara, l-awtoritajiet immedjatament imponew *administrative freeze* fuq liċenzi ġodda sakemm jintlaħaq ftehim dwar regolamenti ġodda.

»Fl-istess żmien ġie ffurmat *Tripartite Committee* magħmul minn rappreżentanti tal-gvern, il-*GRTU*, u l-Kamra tal-Ispiżjara. Maryanne Sant Fournier, president tal-Kamra tal-Ispiżjara, spjegat li l-ftehim mal-gvern kien illi waqt li dan il-kumitat kien qiegħed jaħdem fuq proposti għal regolamenti ġodda, il-gvern ma joħroġx liċenzi ġodda għal spiżeriji sakemm l-applikazzjoni ma tiġix diskussa mal-imsemmi kumitat. Għaldaqstant, waqt li kienet fis-seħħ l-*administrative freeze* kienu ħarġu biss numru limitat ta' liċenzi f'każijiet eċċezzjonali. Mark Cilia, rappreżentant tal-Awtorità dwar il-Mediċini, jispjega li ma kienx hemm linji gwida dwar kif kellu jiddeċiedi fuq applikazzjonijiet pendenti dan it-*Tripartite Committee*.

»Meta applikat l-attriċi fit-2 ta' Settembru 1998, fl-Imtarfa kien għad ma hemmx spiżeriji iżda, minkejja l-*administrative freeze,* fis-sena 1999 kienet ħarġet liċenza għal spiżerija fit-tarf tal-Imtarfa. Mill-provi prodotti jirriżulta li l-applikazzjoni għal din il-liċenza kienet waslet għand is-Supretendent tas-Saħħa Pubblika qabel dik tal-attriċi.

»Minkejja li kienet saret talba mill-Kunsill Lokali tal-Imtarfa lill-awtoritajiet sabiex l-attriċi tingħata liċenza biex tibda topera spiżerija mill-proprjetà tagħha, għaliex kien hemm bżonn illi fil-lokal ikun hemm spiżerija oħra, it-talba tagħha baqgħet ma ġietx ipproċessata minħabba l-imsemmija *administrative freeze.*

»Sussegwentement, ġie promulgat l-Avviż Legali 279 tal-2007, li reġa' impona *demographic ratio* ta' spiżerija waħda għal kull 2,500 persuna u ma baqgħetx fis-seħħ l-*administrative freeze.* Għalhekk, fis-sena 2007 reġgħu bdew jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet pendenti f'ordni kronoloġika, biex b'hekk, fit-30 ta' Awissu 2011, u *cioè* fil-mori ta' din il-kawża, l-attriċi finalment ingħatat il-liċenza li applikat għaliha fis-sena 1998 sabiex topera spiżerija mill-proprjetà tagħha.«

3. Billi dehrilha li dan il-proċess amministrattiv kien bi ksur tad-drittijiet tagħha, l-attriċi fetħet din il-kawża u talbet illi l-qorti:

»1. tiddikjara illi r-rikorrenti hija proprjetarja tal-fond … … … l-Imtarfa, limiti tar-Rabat, … … … u li dan il-fond jista' jiġi użat biss bħala

spiżerija wara l-approvazzjoni mill-*MEPA* u mill-Awtorità tad-Djar u li għandha l-kwalifiki kollha neċessarji skond il-liġi biex ikollha u tingħata tali liċenza biex tiġġestixxi spiżerija fi *Mtarfa Government Estate, Town Centre*, Mtarfa;

»2. tiddikjara illi l-għemil tal-intimati li naqsu milli jiddeċiedu u ċaħħdu lir-rikorrenti milli tingħata liċenza biex topera spiżerija fi *Mtarfa Government Estate, Town Centre*, Mtarfa huwa abbużiv u illegali u dan *stante* illi aġixxew *ultra vires* billi ma segwewx il-kriterji stabbiliti mil-liġi;

»3. tiddikjara u tiddeċiedi illi l-għemil tal-intimati li ċaħħdu lir-rikorrenti milli tingħata liċenza biex topera spiżerija fi *Mtarfa Government Estate*, *Town Centre*, Mtarfa kien [*sc.* abbuż (?)] tas-setgħa tal-intimati, billi tali rifjut sar għal għanijiet mhux xierqa u ġie msejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti bħal *administrative freeze*;

»4. tiddikjara u tiddeċiedi illi l-għemil li bih ir-rikorrenti ġiet imċaħħda mill-intimati milli tingħata l-liċenza biex topera spiżerija fi *Mtarfa Government Estate*, *Town Centre*, Mtarfa toħloq vjolazzjoni tal-Kostituzzjoni kemm tal-artikli 7, 12, 14 u 21 tal-Kostituzzjoni u *article* (II-75) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Kostituzzjoni Ewropea kif elenkati fil-Libertajiet taċ-*Charter of Fundamental Rights* tal-Unjoni Ewropea, klawsola 1(2) tal-*European Social Charter oltre* d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fl-artiklu (23) u fl-artiklu (6) tal-Konvenzjoni Internazzjonali *on Economic Social and Cultural Right* li Malta hija firmatarja tagħha u billi tivvjola d-dritt tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-proprjetà a tenur tal-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni u 45 tal-istess Kostituzzjoni billi tivvjola l-projbizzjoni kontra d-diskriminazzjoni;

»5. tiddikjara u tiddeċiedi illi l-għemil li bih ir-rikorrenti ġiet imċaħħda mill-intimati milli tingħata l-liċenza biex topera spiżerija fi *Mtarfa Government Estate*, *Town Centre*, Mtarfa, toħloq vjolazzjoni tal-artiklu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u *cioè* tad-dritt tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-proprjetà kif ukoll tal-artiklu 14 meħud in konsiderazzjoni mal-artiklu 1 tal-Konvenzjoni Ewropea u *cioè* diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti fit-tgawdija tal-proprjetà tagħha;

»6. tordna lill-intimati jew min minnhom biex jagħtu liċenza lir-rikorrenti biex tkun tista' topera spiżerija mill-fond … … … l-Imtarfa, limiti tar-Rabat … … … li ser ikun magħruf bħala *Mtarfa Pharmacy* fi *Mtarfa Government Estate, Town Centre*, Mtarfa u dan fi żmien qasir u perentorju stabbilit minn din il-qorti; u

»7. fin-nuqqas illi l-intimati jew min minnhom jagħtu liċenza lir-rikorrenti biex tkun tista' topera spiżerija fi *Mtarfa Government Estate, Town Centre*, Mtarfa fi żmien hawn fuq stabbilit għandu jiġi kkunsidrat illi r-rikorrenti tkun tista' topera spiżerija mill-fond fuq imsemmi.

»Bl-ispejjeż … … …«

4. It-Tabib Ewlieni tal-Gvern (flimkien mal-Awtorità Dwar il-Mediċini, il-Ministru tas-Saħħa u l-Avukat Ġenerali, illum l-Avukat tal-Istat) ressaq din l-eċċezzjoni, fost oħrajn:

> »2. … … … l-esponenti qiegħdin jeċipixxu formalment ukoll illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 469A(3) bit-trapass ta' snin mid-data minn meta saret talba bil-miktub mir-rikorrenti sabiex tingħata deċiżjoni dwar din it-talba tar-rikorrenti u n-nuqqas ta' tali deċiżjoni jikkostitwixxi rifjut fi żmien xahrejn mindu tkun saret it-talba u dan *ai termini* tas-sub artikolu (2) tal-artikolu 469A;
>
> »… … …«

5. L-ewwel qorti, wara li ċaħdet l-eċċezzjoni taħt l-art. 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, iddeċidiet hekk:

> »1. tillibera lill-Avukat Ġenerali, Ministru tas-Saħħa, l-Awtorità dwar il-Mediċini u l-Awtorità tad-Djar mill-osservanza tal-ġudizzju;
>
> »2. tilqa' t-tieni u tielet talbiet attriċi kif dedotti kontra t-Tabib Prinċipali tal-Gvern;
>
> »3. tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel, sitt u seba' talbiet attriċi in kwantu li fil-mori tal-kawża l-attriċi ngħatat liċenza sabiex topera spiżerija mill-fond proprjeta tagħha fl-*Imtarfa Government Estate*, *Town Centre*, Imtarfa;
>
> »4. tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' u ħames talbiet attriċi in kwantu li din il-qorti fil-kompetenza ordinarja tagħha m'għandhiex il-mansjoni sabiex tikkunsidra l-imsemmija talbiet;
>
> »Spejjeż tal-kawża jitħallsu in kwantu għal $^{1}/_{5}$ mill-attriċi u $^{4}/_{5}$ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern »

6. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »Din hija kawża għal stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv skont l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12). Il-prinċipji li jirregolaw kawża ta' din ix-xorta huma *ormai* sew stabbiliti fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna.
>
> »… … …
>
> »L-intimati prinċipali jeċċepixxu … … … illi t-talbiet attriċi huma preskritti bid-dekors ta' sitt xhur a tenur tal-artikolu 469A(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Joseph Spiteri *et v.* Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Saħħa *et* tat-23 ta' Frar 2012, din il-qorti kif presjeduta diġà kellha opportunità sabiex teżamina eċċezzjoni identika f'ċirkostanzi li kienu pjuttost simili għal dawk li huma l-mertu tal-kawża tal-lum. Kif ingħad fl-imsemmija deċiżjoni ta' din il-qorti, għalkemm l-artikolu 469A(3) ċitat

jimponi l-perjodu ta' sitt xhur mill-għemil lamentat, fil-każ in eżami l-għemil li qiegħda tilmenta minnu l-attriċi huwa wieħed kontinwu u perdurat *stante* li huwa n-nuqqas tal-intimati milli jipproċessaw l-applikazzjoni tagħha għal-liċenza għal spiżerija li huwa l-pern tal-ilment tagħha. Għalhekk din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.

»Imiss issa li jiġi kkunsidrat il-mertu. Jirriżulta li fil-konfront tal-attriċi l-intimat Supretendent tas-Saħħa Pubblika, inkarigat bil-liġi sabiex jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu fl-ipproċessar ta' liċenżji, għażel li ma jeżerċitax id-diskrezzjoni mogħtija lilu għal tlettax-il sena. L-unika raġuni wara dan in-nuqqas kienet l-*administrative freeze* li baqgħet fis-seħħ sas-sena 2007.

»L-intimati prinċipali jeċċepixxu fil-mertu li l-pretensjonijet vantati mill-attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi hija m'għandha l-ebda 'dritt' li tottjeni liċenza iżda li din il-liċenza għal ġestjoni ta' spiżerija tinħareġ a bażi ta' diversi konsiderazzjonijiet li huma fl-interess pubbliku. Huma jeċċepixxu wkoll illi l-politika dwar ir-regolament ta' spiżeriji hija appplikata b'kon-sistenza u abbażi ta' konsiderazzjonijiet fl-interess pubbliku u m'hijiex animata minn xi motivi mhux xierqa jew konsiderazzjonijiet irrelevanti u għalhekk m'hijiex *ultra vires*.

»Din il-qorti tibda billi tippreċiża li l-operat tas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika huwa sindikabbli f'dan il-każ in kwantu li d-diskrezzjoni amministrattiva għandha tiġi użata u mhux abbużata.

»Wara li din il-qorti fliet bir-reqqa l-provi kollha prodotti, jirriżulta mingħajr l-iċken dubju li l-unika ostakolu li kienet qiegħda taffaċċja l-attriċi bħala applikant sabiex tingħata liċenza biex topera spiżerja kienet il-politika imposta ta' *administrative freeze* li ma kienet ibbażata fuq l-ebda liġi. Dwar din ix-xorta ta' *policy* din il-qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Nazzareno Fenech *v. Chairman* għan-nom tal-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku tad-9 ta' Marzu 2001 qalet hekk:

> »"... … … id-deċiżjoni li tkun miċħuda t-talba tiegħu ttieħdet fuq bażi ta' *policy* li ma kinitx speċifikata u mfissra kif trid il-liġi; għalhekk id-deċiżjoni kienet waħda *ultra vires.*"

»… … …

»Huwa preċiżament dak li eventwalment ġara fil-każ in eżami, in kwantu li issa li spiċċat l-*administrative freeze* li ġiet imposta minħabba r-reazzjoni negattiva tal-operaturi fis-settur, finalment ġiet ipproċessata l-applikazzjoni tal-attriċi. Iżda jibqa' l-fatt li għal tlettax-il sena sħaħ l-attriċi ġiet imċaħħda minn liċenza sabiex topera spiżerija mill-proprjetà tagħha, proprjetà li ngħatat lilha mill-Awtorità tad-Djar proprju għal dak il-għan, mingħajr l-ebda raġuni valida fil-liġi. Il-liġi li trid tiġi applikata hija l-liġi li kienet eżistenti meta l-attriċi applikat biex tingħata liċenza. Ir-responsabbiltà sabiex jiproċessa l-applikazzjonijiet hija biss tas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika in kwantu li huwa l-persuna awtorizzata bil-liġi sabiex jiddeċiedi jekk persuna għand-hiex tingħata liċenza jew le u l-ebda *Tripartite Committee* ma huwa awtorizzat bil-liġi sabiex jieħu deċiżjonijiet minfloku (Reginald Fava *et v.* Awtorità dwar il-Mediċini *et*, deċiża minn din il-qorti diversament presjeduta fit-3 ta' Mejju 2011).

»… … …

»Kif ingħad minn din il-qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Reginald Fava *et v.* Awtorità dwar il-Mediċini *et* tat-3 ta' Mejju 2011 ċitata:

»"Din il-qorti kif presjeduta ċertament li ma taqbilx mar-raġunar tal-ewwel parti ta' din il-kwotazzjoni. Iċ-ċittadini li jitolbu liċenzi eċċetra, għandhom dritt għalihom jekk konformi mal-liġi u m'hu ebda pjaċir ta' ebda uffiċjal amministrattiv li jagħmel xogħlu kif suppost. Kif jgħid l-istess supretendent fit-tieni parti ta' din il-kwotazzjoni hija li hu jevalwa b'mod korrett l-applikazzjoni u japplika l-liġi, u d-deċiżjoni tista' tkun kemm pożittiva kif ukoll negattiva. Bħal ġudikant, hu għandu l-obbligu li jiddeċiedi wara li jevalwa l-fatturi kollha, u ma jagħti każ ta' ebda kunsiderazzjoni oħra, iżda hu ferm żbaljat li jgħid li r-rikorrent qatt ma għandu dritt għal liċenza, għax jekk it-talba tiegħu hija konformi mal-liġi, ir-rikorrent ghandu dritt għaliha.

»"Għalhekk jirriżulta li r-rikorrenti kellu kull dritt li jitlob li l-qorti tissindika l-operat dwar il-ħruġ ta' liċenza fil-parametri oġġettivi elenkati mil-liġi. Il-qorti għandha l-obbligu tissindika l-egħmil amministrattiv biex tevalwa jekk kienx *ultra vires* u jekk ġewx osservati r-regolamenti kollha u l-kriterji li joħorġu mil-liġi. Irid isir l-istħarriġ ġudizzjarju u l-qorti għandha ġuris-dizzjoni tistħarreġ il-validità tal-għemil amministrattiv u f'xi każijiet tiddikjara għemil null, invalidu u mingħajr effett (*may enquire into the validity of any administrative act*)."

»… … …

»… … … din il-qorti jirriżultalha li ma kien hemm l-ebda bażi legali jew raġuni valida għalfejn l-applikazzjoni tal-attriċi baqgħet ma ġietx ippro-ċessata għal snin sħaħ, għaliex kienet ibbażata fuq *policy* li imponiet *administrative freeze* fuq ħruġ ta' liċenzi. Id-decizjoni tas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika ma kellhiex tkun motivata mill-biża' reali jew preżunta ta' azzjoni jew reazzjoni ta' terzi, kif jirriżulta li ġara fil-każ tal-lum, liema biża kienet ir-raġuni ewlenija wara l-*administrative freeze* li ċaħħdet lill-attriċi mid-drittijiet tagħha għal snin sħaħ. Għaldaqstant, din il-qorti ssib illi l-mod kif eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu s-Supretendent tas-Saħħa Pubblika fiż-żmien illi kienet fis-seħħ l-imsemmija *administrative freeze* kienet *ultra vires* għaliex huwa ma segwiex kriterji stabbiliti mil-liġi.

»Għal dak li jirrigwarda ir-raba' u ħames talbiet attriċi, il-qorti tqis illi fil-mansjonijiet tagħha preżenti dawn ma jistgħux jiġu kkunsidrati in kwantu li huma kwistjonjiet li jaqgħu fil-kompetenza esklussiva ta' din il-qorti fis-sede kostituzzjonali tagħha. Din hija kawża taħt il-proċedura ta' stħarriġ amministrattiv u mhux taħt il-proċedura li tirregola kawżi dwar drittijiet fondamentali.«

7. It-Tabib Ewlieni tal-Gvern appella b'rikors tad-29 ta' Marzu 2017. L-appell jolqot biss il-parti tas-sentenza li laqgħet it-tieni u t-tielet talbiet tal-attriċi wara li ċaħdet l-eċċezjonijiet relativi; il-partijiet l-oħra tas-sentenza għal-hekk saru finali.

8. Wieġbu l-Awtorità tad-Djar fl-4 t'April 2017 u l-attriċi fit-30 ta' Mejju 2017.

9. L-ewwel aggravju tal-appell jolqot iċ-ċaħda tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, jew, aħjar, dekadenza, taħt l-art. 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Dan l-aggravju ġie mfisser hekk:

> »L-appellata ippruvat a bażi tal-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili tattakka d-deċiżjoni tal-*administrative freeze* fuq il-premessa li dan l-artikolu jipprovdi għal iskrutinju mill-qrati fl-operat tad-diskrezzjoni amministrattiva governattiva.
>
> »Però irriżulta illi l-appellata intavolat ir-rikors ġuramentat fil-prim'istanza fl-2007 meta hija kienet applikat għall-liċenza fit-2 ta' Settembru tas-sena 1998; imbagħad fl-4 ta' Lulju tas-sena 2003 hija ġiet infurmata illi kien hemm *administrative freeze* u għalhekk għaddew erba' snin sew biex hija intavolat r-rikors minn meta hija ġiet infurmata bl-*freeze*.
>
> »Għaldaqstant l-azzjoni tinkwadra ruħha taħt l-artikolu 469A(1)(*b*) u hija għalhekk preskritta *ai termini* tal-artikolu 460A(3), liġi li ilha *in vigore* sa minn 1995.
>
> »Għalhekk l-appellata setgħet faċilment tintavola l-kawża malli kienet infurmata bil-*freeze, cioè* fl-2003 iżda naqset illi tagħmel dan u ma pprevalixxietx ruħha mill-perjodu mogħti taħt l-artikolu msemmi u għalhekk l-azzjoni hija preskritta.
>
> »… … …
>
> l-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża bl-ismijiet Galea Emanuel *v.* Kummissarju tal-Pulizija, deċiża fil-31 ta' Lulju tas-sena 2007 qalet hekk:
>
>> »"M'huwiex mogħti lil persuna il-benefiċċju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha, u mbgħad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bħallikieku l-proċedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju *in extremis* li wieħed jista jinkorri għalih biex isewwi żball jew nuqqas li ma missux twettaq qabel."«

10. It-tweġiba tal-attriċi għal dan l-aggravju ma tindirizzax il-kwistjoni mqanqla mill-appellant, *viz.* jekk l-azzjoni saritx fiż-żmien ta' sitt xhur li jagħti l-art. 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

11. Id-dispożizzjonijiet relevanti jgħidu hekk:

> »**469A.** (1) … … …
>
> »(2) F'dan l-artikolu –
>
> »"għemil amministrattiv" tfisser il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, *warrant*, deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità:

> »Iżda, ħlief f'dawk il-każijiet fejn il-liġi tistabbilixxi perijodu li fih awtorità pubblika tenħtieġ tagħti deċiżjoni, meta ssir talba bil-miktub minn persuna li tiġi notifikata lill-awtorità u din l-awtorità tibqa' ma tagħtix deċiżjoni dwar dik it-talba, dak in-nuqqas għandu, wara xahrejn minn dik in-notifika, jikkostitwixxi rifjut għall-finijiet ta' din it-tifsira;
>
> »… … …
>
> »(3) Kawża biex twaqqa' għemil amministrattiv taħt is-subartikolu (1)(*b*) għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir, jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b'dak l-għemil amministrattiv.«

12. Għemil amministrattiv jista' jiġi impunjat taħt il-para. (*a*) tal-art. 469A(1) – ksur tal-Kostituzzjoni – jew taħt il-para. (*b*) – għemil *ultra vires*. Fil-każ tallum l-attriċi fittxet li twaqqa' l-għemil kemm taħt il-para. (*a*) u kemm taħt il-para. (*b*) iżda l-ewwel qorti, għalkemm laqgħet it-talba taħt il-para. (*b*) ma qisitx it-talba taħt il-para. (*a*) u minn din il-parti tas-sentenza ma sarx appell. Għalhekk, it-talba tal-attriċi ntlaqgħet safejn titqies li saret b'kawża taħt il-para. (*b*) u, safejn hija hekk, tintlaqat bl-art. 469A(3).

13. It-talba tal-attriċi saret fit-2 ta' Settembru 1998. Minħabba f'dak li sejħulu *administrative freeze* l-awtoritajiet ma qisux din it-talba. Għalhekk, ladarba ma tteħditx deċiżjoni mill-awtoritajiet fi żmien xahrejn mit-talba li saret bil-miktub, "dak in-nuqqas għandu, wara xahrejn minn dik in-notifika [*sc.* tat-talba lill-awtorità], jikkostitwixxi rifjut". Mela, jekk it-talba tal-attriċi titqies miċħuda fit-2 ta' Novembru 1998, il-kawża kellha tinbeda sa mhux aktar tard mit-2 ta' Mejju 1999, jew forsi ftit jiem wara jekk it-talba tal-attriċi ma waslitx għand l-awtorità dakinhar stess li saret. Il-kawża iżda nfetħet ferm wara, fl-24 t'Awissu 2007.

14. Għalkemm it-talba tal-attriċi kellha, fi kliem il-liġi, titqies miċħuda u għal-hekk, ladarba ż-żmien li jagħti l-art. 469A(3) huwa ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni, iż-żmien biex tinfetaħ il-kawża ma setax jiġġedded, saret

talba oħra, b'ittra tat-30 ta' Mejju 2003, u din id-darba l-konvenut appellant Tabib Ewlieni tal-Gvern wieġeb fl-4 ta' Lulju 2003 fis-sens illi t-talba "ma tistax tiġi proċessata f'dan l-istadju". Effettivament din id-deċiżjoni li l-awtorità ma tiddeċidix jew hija deċiżjoni wkoll, u għalhekk setgħet tiġi impunjata taħt l-art. 469A sa sitt xhur wara, jew hija nuqqas ta' deċiżjoni fuq it-talba, u wara xahrejn titqies daqslikieku rifjut, u wkoll setgħet tiġi impunjata sa sitt xhur wara r-rifjut. F'kull każ, is-sitt xhur li tagħti l-liġi ilhom snin li għaddew.

15. Kienet saret talba oħra, din id-darba mill-Kunsill Lokali tal-Imtarfa, biex tinħareġ liċenza lill-attriċi. Din it-talba wkoll ma ntlaqgħetx minħabba l-*administrative freeze* kif imfisser f'ittra mill-Ministeru tas-Saħħa tad-19 t'Ottubru 2000[1]. Ukoll jekk din it-talba, għalkemm saret mill-Kunsill Lokali, titqies illi saret f'isem l-attriċi u illi din għalhekk għandha interess timpunja-ha, iż-żmien li tagħti l-liġi biex issir l-azzjoni relattiva kien ilu li għadda meta nfetħet il-kawża tal-lum fl-24 t'Awwissu 2007.

16. L-ewwel qorti ċaħdet l-eċċezzjoni taħt l-art. 469A(3) għax qieset l-għemil amministrattiv li qiegħda tilmenta dwaru l-attriċi fil-każ tal-lum bħala "wieħed kontinwu u perdurat *stante* li huwa n-nuqqas tal-intimati milli jipproċessaw l-applikazzjoni tagħha għal-liċenza għal spiżerija li huwa l-pern tal-ilment tagħha".

17. Din il-qorti iżda ma taqbilx. Rajna illi l-liġi stess tgħid illi n-nuqqas tal-awtorità li tagħti deċiżjoni "għandu, wara xahrejn … … …, jikkostitwixxi rifjut". Sitwazzjoni li tixbah dik tal-lum qamet ukoll fil-każ ta' <u>Joseph</u>

---

1 *Fol.* 16

Spiteri *et v.* Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika *et* [2]. Din il-qorti kienet qalet hekk:

> »... ... ... din il-qorti ma taqbilx mal-konklużjoni tal-ewwel qorti meta ċaħdet l-eċċezzjoni ta' dekadenza peress li fil-fehma tagħha l-għemil ilmentat kien wieħed kontinwu u perdurat. L-azzjoni attriċi hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju fil-konfront ta' żewġ deċiżjonijiet amministrattivi ben distinti, f'ċirkostanzi differenti, dik tal-1995 u dik tal-2005, li minnhom skatta l-perjodu ta' dekadenza, u mhux kwistjoni ta' għemil kontinwat. Ladarba l-azzjoni attriċi saret wara li għadda l-imsemmi perjodu ta' sitt xhur, dik il-qorti ma kellhiex triq oħra ħlief li tilqa' r-raba' eċċezzjoni tal-konvenuti appellanti.
>
> »... ... ... il-fatt li friża amministrattiva baqgħet fis-seħħ, fil-fehma ta' din il-qorti, ma jikkostitwixxix għemil amministrattiv ġdid jew omissjoni ta' twettieq ta' għemil amministrattiv da parti tal-konvenut appellant, kif jittantaw jgħidu l-atturi appellati fir-risposta tal-appell tagħhom. Id-deċiżjoni tal-*administrative freeze* fil-konfront tal-applikazzjoni tal-atturi appellati kienet ilha li ttieħdet kif spjegat qabel, u l-fatt li l-konvenut appellant ma adottax ir-rakkomandazzjoni tal-*Ombudsman*, u li l-konvenut appellant baqa' inadempjenti, minkejja interpellazzjoni permezz ta' ittra ufficjali, ma jfissirx li t-terminu ta' dekadenza beda jiddekorri mill-ġdid, peress li kif ingħad qabel dan il-perjodu ma jistax jiġi interrott jew sospiż.
>
> »Konsidrat dan kollu, jirriżulta li l-ewwel aggravju tal-konvenut appellant huwa meritevoli li jintlaqa' u għalhekk isegwi li ladarba tintlaqa' l-eċċezzjoni ta' dekadenza, l-azzjoni attriċi tispiċċa u għalhekk din il-qorti tinsab prekluża milli tinvesti ulterjorment il-każ.«

18. L-azzjoni tal-attriċi għalhekk waqgħet b'dekadenza taħt l-art. 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u l-aggravju relativ għandu jintlaqa'. Ladarba l-azzjoni waqgħet b'dekadenza, u għalhekk it-talbiet tal-attriċi f'kull każ ma jistgħux jintlaqgħu, ma jibqax meħtieġ li nqisu l-aggravji l-oħra tal-appell.

19. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata: tikkonfermaha fejn ħelset lill-konvenuti l-oħra mill-ħarsien tal-ġudizzju u fejn ma qisitx it-talbiet tal-attriċi ħlief it-tieni u t-tielet talbiet, u tħassarha fil-bqija; minflok, tilqa' l-eċċezzjoni taħt l-art. 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u tiċħad it-tieni u t-tielet talbiet tal-attriċi.

---

2 App. 26 ta' Jannar 2018.

20. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad kif ukoll ta' dan l-appell, tħallashom l-attriċi .

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm